# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Ottubru 1999.**

**Numru 83**

**Citaz. numru 526/95 DS**

Clyde Micallef ghan-nom u in rapprezentanza ta' Bathroom Design Limited
vs
Paul Mizzi

Illum, 11 ta' Ottubru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' April 1995 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' disa' mija wiehed u tletin liri Maltin seba u sebghin centezmi (Lm931.77) rappresentanti ammont dovut wara bejgh u konsenja ta' merkanzija lill-istess konvenut.

Illi, avolja nterpellat biex ihallas dan l-ammont il-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut u l-attur nomine qieghed jipprezenta ma' din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. B)

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tikkundannah ihallas lill-attur nomine is-somma ta' disa mija wiehed u tletin liri Maltin u seba u sebghin centezmu (Lm931.77) rappresentanti l-ammont dovut wara bejgh ta' merkanzija lil konvenut.

2. tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 1993 u bl-interessi legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-materjal mibjugh ma kienx tal-kwalita pattwita.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tal-31 ta’ Mejju 1995 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. David Pace bhala espert tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza

tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-oservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat iz-zewg relazzjonijiet minnu pprezentati;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

Jirrizulta li l-konvenut kien akkwista kwantita' ta' madum minghand is-socjeta' attrici skond ordni tas-16 ta' Dicembru 1991 (ara Dok. A1 anness ma' l-ewwel relazjoni peritali u esebit minn Mario Zerafa ghas-socjeta' attrici). Mario Zerafa xehed li l-konvenut kien qaalu li xtaq jixtri madum irhis biex jaghmlu fuq it-terrazzin fil-post tieghu. Wera lill-konvenut madum li qallu li kien tajjeb bhala kwalita' izda seta' jvarjalu fix-"shading". Fuq l-"order form", li jidher li l-konvenut stess iffirma, dan id-dettall tnizzel bil-kliem "special price re possibility of shades". Huwa rrefera wkoll ghad-"delivery note" a fol. 6 tal-process fejn hemm ukoll indikat l-isem tal-madum "CRETA WHT" u l-kliem "(DIFF. SHADE)", liema dokument gie wkoll iffirmat mill-konvenut. Skond il-ftehim milhuq u anke ndikat fuq id-Dok. A1, il-pagament kellu jsir fi zmien xahrejn, skond ix-xhud Zerafa mid-data tad-"dlivery". Billi l-pagament ma sarx u l-konvenut kien maghruf lis-socjeta' attrici, ma tihdux passi mill-ewwel u l-istess Zerafa qal li cempillu wara xi sitt xhur u talbu biex ihallas izda l-konvenut wiegbu li xtaq li jtuh ftit "chance" ghax kellu jigbor xi flus. Ghadda z-zmien u ghalkemm baqghu jikkuntattjawh biex ihallas baqa' xorta ma hallasx. Statements bdew jinhargu regolarment.

Mario Zerafa stqarr li l-konvenut qatt ma lmenta mieghu dwar il-kambjamenti fix-"shading" hlief wara li nfethet il-kawza. Sahansitra kien mar ghand il-konvenut xi xahar jew xahrejn wara d-"delivery" in konnessjoni ma' xi ordni ohra u kien anke ra l-madum in kwistjoni mwahhal. Il-konvenut f'dik l-okkazjoni ma kien qalu xejn dwar il-madum. Fil-mori tal-kawza l-konvenut kien mar x-"showroom" biex jitlob "discount" iehor u jaqta' l-kont.

Xehed ukoll l-attur li kkonferma li l-konvenut kien ipprova jasal fi ftehim fil-mori tal-kawza billi talab li jinqatghu l-interessi. Inoltre ghamel referenza ghall-kondizzjonijiet *a retro* tal-"order form", fosthom l-artikolu numru disgha (9) li jirrigwarda "discounts" u li jghid: *"The balance has to be paid on delivery whereupon the discount (mentioned overleaf) will be allowed. In the event that the balance is not paid on delivery as stated above the cash discount will be forfeited and payment of the balance of the full undiscounted price shall become due."* Ghalhekk is-somma li taghha qed jintalab il-hlas tirrapprezenta l-prezz tal-madum minghajr "discounts".

Sakemm il-perit tekniku gie biex jipprezenta l-ewwel relazzjoni tieghu, il-konvenut ma attendiex is-seduti u lanqas iffacilita l-access ghall-post tieghu biex jigi spezzjonat il-madum. Huwa fil-fatt irrelata favur it-talba attrici anke peress illi *"r-rata kkwotata fid-dokumenti esibiti cioe' Lm4.20 il-metru kwadru huwa baxx meta mqabbel ma' rati medji ta' madum ta' tip simili bhal kif deskritt fid-dokumenti esibiti."*

B'digriet tad-9 ta' Mejju 1997 pero' ntlaqghet talba li saret mill-konvenut biex, ghar-ragunijiet imsemmija fis-seduta precedenti tas-17 ta' April

1997, il-perit tekniku ihejji rapport addizzjonali wara li jzomm access u jisma' lill-konvenut.

Fit-tieni relazzjoni tieghu l-perit tekniku indika li waqt l-access eta' josserva li l-madum jinsab imqieghed fil-partijiet esterni tal-villa tal-konvenut. Waqt l-access il-konvenut iddikjara li ma kellu l-ebda ilment dwar il-kulur u lanqas dwar it-tonalita' tieghu izda ndika madum maqsum li allega li nqasam waqt it-tqeghid. Il-perit tekniku kkonstata:

*"Dwar dan l-ahhar ilment l-esponent innota wkoll illi kien hemm xi madum minn dan konsenjat lill-attur illi kien inqala' minn postu u twarrab u li kien ghadu shih u kellu mwahhal mieghu s-siment kif ukoll iz-zrar li jkun hemm tahtu. Jekk wiehed kellu jaccetta l-allegazzjoni tal-konvenut illi l-madum inqasam wahdu waqt it-tqeghid u li allura dana kien tant dghajjef u ta' sahha inadegwata l-provi li kien hemm fuq il-post juru l-kuntrarju ghaliex kieku l-madum kien kif qed ighid il-konvenut dana ma kienx jinqala' shih u bis-siment u r-ramel imwahhal mieghu izda kien jinqasam u jitfarrak. Dwar l-allegazzjoni l-ohra tal-konvenut cioe' illi l-madum jerdgha l-ilma u ma hux tajjeb ghal barra l-esponent ma nnota imkien fejn il-madum kien imtebba' jew imcappas jew kien jindika b'xi mod jew iehor illi kien qed izomm l-ilma go fih u ghalhekk ma jistax jaqbel ma' dina la-llegazzjoni tal-konvenut. Anzi tenut illi l-madum gie kkonsenjat fl-ahhar tal-1991 u li ghalhekk ilu madwar sitt snin imqieghed f'post espost ghax-xemx u maltemp huwa jidhirlu illi l-istat ta' dan il-madum ghadu tajjeb hafna.*

*"L-esponent ukoll jerga' jirrileva illi kif irrelata fl-ewwel relazzjoni tieghu l-madum gie konsenjat u mibjugh bi prezz specjali mhux ghaliex kellu xi deficjenzi fil-kompozizzjoni jew fis-sahha tieghu izda ghaliex kien ivarja fit-tonalita' u dana kif imfisser fl-Order Form meta xtara l-*

*konvenut minghand l-attur. Ghalhekk il-madum per se ma kellu jkollu l-ebda deficjenzi la fis-sahha u lanqas fil-"weathering capabilities". L-esponent ma ra l-ebda indikazzjoni illi dawna l-kwalitajiet huma deficjenti f'dan il-kaz.*

*"Ghalhekk fic-cirkostanzi l-esponent ihoss illi l-allegazzjonijiet tal-konvenut ma gewx ippruvati u illi l-konkluzjonijiet illi esprima fl-ewwel relazzjoni tieghu ghandhom jigu kkonfermati fis-sens illi l-konvenut ghandu jhallas il-bilanc dovut lill-attur."*

Fuq il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku l-Qorti ma ghandha xejn x'izzid u takkoljihom pjenament. Inoltre m'hemmx dubju li s-somma pretiza mill-attur nomine, cioe' l-"undiscounted price" hija dovuta mill-konvenut stante li naqas li jhallas fit-terminu stipulat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma mitluba ta' Lm931.77. Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenut.

Grazio Galea
D/Registratur